MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2006

Appell Civili Numru. 696/1995/1

**Pacifico Fenech**

**v.**

**William Ronald Murphy**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI:**
1. Din hija decizjoni minn appell ad istanza ta' l-attur u appell incidentali interpost mill-konvenut minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet

premessi fit-3 ta’ Ottubru 2003, liema sentenza tghid hekk:

“Il-Qorti,

“Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-26 ta' Mejju 1995 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

“Illi fis- 6 ta’ Gunju, 1994 ghall-habta tat- 8.00 a.m. waqt li kien riekeb fuq l-istaffa tat-truck li jigbor l-iskart – Scammel – u kien vicin id-dar tal-konvenut li jisimha “Dwejra”, 235, Triq ta’ Taht l-Irdum, Santa Maria Estate, Mellieha, hu gie migdum ghal gharrieda f’saqajh ix-xellugija mill-kelb Alsatian tal-konvenut li kien mahlul;

“U illi b’rizultat ta’ din il-gidma kbira, l-attur sofra danni u dizabilita` permanenti f’saqajh ix-xellugija kif jirrizulta ahjar mic-certifikat mediku hawn anness u markat Dokument A;

“U illi dan l-incident gara minhabba n-negligenza, traskuragni, imprudenza u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti da parti tal-konvenut li ma zammx kustodiet l-imsemmi kelb tieghu tant li anke ttiehdu proceduri kriminali fil-konfront tal-konvenut;

“U illi l-konvenut hu responsabbli ghall-imsemmi incident u ghad-danni konsegwenzjali li sofra l-attur;

“U illi l-konvenut gie interpellat biex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha li sofra l-attur izda ghalkemm ipprometta li se jhallas baqa’ inadempjenti;

“Talab li din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara illi l-konvenut hu responsabbli ghall-incident li fih wegga’ serjament l-attur fis- 6 ta’ Gunju 1994 kif hawn fuq spjegat u ghad-danni kollha konsegwenzjali.

2. Tillikwida l-imsemmija danni jekk hemm bzonn bl-opra ta’ periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur id-danni kollha hekk likwidati.

“Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra bonarja tat- 12 ta’ April 1995 u tal-ittra ufficjali tal- 15 ta’ Mejju 1995 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

“Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

“Illi t-talbiet attrici huma nfundati fil-fatt u fid-dritt stante li l-eccipjent ha l-mizuri kollha opportuni sabiex l-istess incident jigi evitat.

“Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

“Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

“Rat id-digriet tat-28 ta' Novembru 1995 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor J.R. Micallef bhala perit legali biex jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut;

“Rat id-digriet tad-19 ta' Mejju 1999 li permezz tieghu gie nominat Mr. Charles Grixti bhala espert mediku;

“Rat ir-rapport tal-perit mediku debitament mahluf fit-13 ta' Marzu 2000;

“Rat in-nota ta' l-attur tat-13 ta' Marzu 2000 li permezz taghha talab in-nomina ta' periti perizjuri medici;

“Rat id-digriet ta' l-10 ta' Mejju 2000 li permezz tieghu gew nominati bhala periti perizjuri medici Mr. Raymond Gatt, Mr. Ivan Esposito u Mr. Anthony Bernard;

“Rat ir-rapport tal-periti perizjuri debitament mahluf minnhom;

“Rat il-verbali tax-xiehda migbura mill-perit legali li gie elevat ghall-gudikatura;

“Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

“Ikkunsidrat illi:-

“Din il-kawza tirrigwarda incident li gara fis-6 ta' Gunju 1994 fejn, filwaqt li l-attur kien riekeb fuq l-istaffa ta' *scammel*, gie migdum minn kelb fl-ghaksa x-xellugija. Dan l-incident gara fi Triq ta' Taht l-Irdum, Santa Maria Estate. Jirrizulta li l-konvenut, li joqghod "Dwejra", numru 235 fl-istess triq, kien is-sid ta' dan il-kelb. Difatti l-attur ighid li kien l-istess konvenut li hadu ghand tabiba, hallas tal-vizta, wasslu fil-kamra hdejn l-imghallem tieghu u talab lill-attur jibghatlu l-ircevuti tal-medicini li kien ser jixtri. Fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut ma jichadx li hu sid il-kelb izda jghid li ha l-mizuri kollha opportuni sabiex l-istess incident jigi evitat.

“L-azzjoni attrici hi bazata fuq l-artikolu 1040 tal-Kodici Civili li jipprovdi:

“"Is-sid ta' annimal, jew il-persuna li taghmel uzu minn annimal ghaz-zmien li taghmel uzu minnu, iwiegbu ghall-hsara li dak l-annimal jikkaguna, sew jekk ikun jinsab taht idejhom kemm jekk ikun intilef jew harab".

“Din ir-responsabbilta` tista' tigi eskluza bil-prova li l-fatt kien dovut ghall-forza magguri jew ghall-htija tad-danneggjat stess. Fil-kawza fl-ismijiet **Nazzareno Scicluna vs Paolo Zahra** deciza minn din il-Qorti fil-21 ta' Frar 1967 (Vol. LI.ii.804) intqal *inter alia*:

“"Li, pero`, ma jistax jigi eskluz li dina r-responsabbilta` obbjettiva tigi nieqsa meta jirrizulta li l-incident li fih kien involut annimal, kien dovut ghall-kaz fortuwitu, jew forza maggiore; jew ghall-htija tad-danneggjat (App. Toma, 3 Agosto 1927; La Giustizia, art. 1928, 8; Cassaz. Torino, 27 Maggio 1911, in re 'Contini vs An. Momnibus', Ital. 1911, 1, 1, 1206).

“Li, meta jaghti l-kaz li annimal jipprovoka dannu lil haddiehor 'per proprio impulso' ('secondum natura'); dana jimplika r-responsabbilta` tas-sid, minghajr dana ma jista'

jigi ammess jipprova l-assenza tal-htija tieghu, billi r-responsabbilta` tieghu hija prezunta mil-ligi. Tipiku huwa l-kaz citat mill-imsemmi awtur Perretti-Griva (op. Cit. Pag. 194): 'Se un cane si avventa contro un ciclista, commette un fatto esclusivamente riferibile all'impulso del cane, del quale dovra` rispondere il proprietario dell'animale o chi di questo si serve, in quanto ne deriva un danno in diretto riferimento col fatto dell'essersi il cane avventato'."

“Ara wkoll **Lorenzo Mercieca vs Salvatore Zammit** deciza minn din il-Qorti fl-4 ta' Marzu 1963 (Vol. XLVII.ii.683).

“Fil-kaz in ezami l-konvenut qal fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu (a fol. 15) li huwa ha l-prekawzjonijiet u mizuri kollha opportuni sabiex l-incident in kwistjoni jigi evitat, li l-kelb kien imsakkar fil-garage u kienet it-tifla tieghu li fethet il-bieb tal-garage u li kien l-istess attur li kkontribwixxa ghall-incident bl-atteggjament u l-komportament tieghu. Il-konvenut la xehed f'dawn il-proceduri u lanqas ressaq provi in sostenn ta' dawn l-allegazzjonijiet tieghu. Ghall-kuntrarju mill-provi ta' l-attur jirrizulta li l-incident gara meta kien qieghed fuq xoghlu u fil-waqt li kien jinsab ghall-affari tieghu fuq l-istaffa ta' l-i*scammel*.

“Konsegwentement, fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 1040 tal-Kodici Civili u tal-gurisprudenza citata, il-konvenut ghandu jigi tenut responsabbli ghall-incident in kwistjoni u ghad-danni konsegwenzjali li l-Qorti se tghaddi issa biex tikkunsidra.

“L-attur qieghed jippretendi danni konsistenti kemm f'*lucrum cessans* kif ukoll f'*damnum emergens*:

“*<u>Lucrum cessans</u>*

“Mir-rapport tal-perit mediku Mr. Charles Grixti, li ezamina lill-attur fit-8 ta' Novembru 1999, jirrizulta li l-attur "sofra hsara fin-nerv sural fuq in-naha ta' barra u ta' wara tas-sieq ix-xellugija. Parti minn dan in-nerv gie mehjut izda l-frieghi l-ohra ma setghux jigu mehjuta. Minhabba dan il-

pazjent ihoss hruq minabba li fit-truf ta' dawn il-frieghi ffurmat neuroma. Din in-neuroma tista' tigi maqtugha barra pero` xorta wahda tista' terga' tifforma". F'dawn ic-cirkostanzi huwa kkonkluda li l-persentagg ta' dizabbilita` li sofra l-attur kien ta' 7%.

“L-attur stess talab in-nomina ta' periti perizjuri li pero` kkonfermaw il-konkluzjonijiet ta' l-ewwel perit mediku u ghalhekk li l-attur "sofra dizabbilita` fizika permanenti li tappartjeni ghal hsara lin-nerv ta' 7%". Effettivament jirrizulta li tul is-snin l-ilmenti ta' l-attur kibru u dawn ingabu a konjizzjoni tal-periti perizjuri li ddeskrivewhom bhala "ta' severita` kbira" izda li huma relatati ma' problemi ohrajn "specjalment fis-sinsla cervikali".

“Issa jirrizulta li gew suggeriti persentaggi ohra mill-konsulent ortopediku Mr. Carmel Sciberras u mill-konsulent ortopediku Ingliz Mr. A. Franklin, izda meta xehed il-perit mediku addizzjonali Mr. Ivan Esposito fis-seduta tal-5 ta' Dicembru 2001, dan qal li l-periti perizjuri jaqblu li certa dizabbilita` giet mill-incident in kwistjoni "biss jidher li kumbinazzjoni hemm problemi ohrajn iktar 'il fuq, f'dan il-kaz l-ghonq li sfortunatament ukoll ghandhom certu konsegwenzi u qed jaffettwaw in-naha l-ohra ukoll tar-rigel".  Il-Qorti ma ssibx raguni biex ma takkoljix il-persentagg li gie stabbilit mill-periti medici nominati minnha, u cioe` dak ta' sebgha fil-mija (7%).

“L-attur kien jahdem bhala *health attendant* mad-Dipartiment ghall-Immaniggjar ta' l-Iskart. Il-paga gross tieghu fis-sena 1993 (skond il-prospett relattiv ta' l-*income tax*) kienet ta' Lm2649 filwaqt li mix-xoghol *part-time* bhala bajjad jirrizulta li dahhal fl-istess sena Lm815. Mill-banda l-ohra l-paga li dahhal fis-sena 1994 (is-sena li gara l-incident) kienet ta' Lm1359 filwaqt li dahhal ghal xoghol *part-time* Lm600. Mehud in konsiderazzjoni zidiet ghall-gholi tal-hajja u l-valur dejjem jonqos tal-munita, il-Qorti se tiehu bhala dhul annwu medju s-somma ta' Lm3,800.

“L-attur kellu 39 sena meta gara l-incident. Meta wiehed jikkunsidra l-*working life expectancy*, jidher gust li l-Qorti tiehu bhala *multiplier* 21 sena.

“Ghalhekk il-*lucrum cessans* ghandu jinhadem hekk:

“Lm3,800 x 21 sena x 7% dizabbilita` = Lm5,586.

“Billi l-incident gara fl-1994, se jsir tnaqqis ta' 2% ghal *lump sum payment* (ara f'dar-rigward **Anthony Falzon vs Lawrence Caruana** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001). Ghalhekk mis-somma ta' Lm5,586 trid titnaqqas is-somma ta' Lm112 biex ihalli bilanc finali ta' Lm5,474.

“<u>*Damnum emergens*</u>

“Id-danni pretizi mill-attur huma pjuttost estensivi:

1. Telf ta' paga sa l-1997 (Dok. PFH) Lm
5041.12
2. Spejjez medici 1994 (Dok. PFL)
310.63
3. Spejjez medici 1995 (Dok. PFM)
262.07
4. Spejjez medici 1996 (Dok. PFN)
607.88
5. Spejjez medici 1997 (Dok. PFO)
965.23
6. Spejjez medici 1998 (Dok. PFP)
39.61
7. Vjaggar 1995 (Dok. PFQ)
223.00
8. Vjaggar 1996 (Dok. PFR)
225.00
9. Vjaggar 1997 (Dok. PFS)
131.80
10. Akkomodazzjoni/Trasport 1995 (Dok. PFT)
330.00
11. Akkomodazzjoni/Trasport 1996 (Dok. PFU)
400.00
12. Akkomodazzjoni/Trasport 1997 (Dok. PFV)
270.00

13. Gear box (Dok. PFW)
248.00
14. Rapport Dr. Charles Gauci (Dok. AG2)
160.00
15. Spejjez affidavit (Dok. AG3)
30.00
16. Akkomodazzjoni (Dok. AG4)
55.00
17. Vjaggar 2000 (Dok. AG5)
355.00
18. Spejjez medici (Dok. AG6 sa AG11)
57.63
19. Scooter
1749.72
20. Spejjez medici 2001/2002
45.46
---------
---------
It-total ta' dawn l-ispejjez huwa ta'
Lm11,507.15.

“Minbarra l-ispejjez suelenkati l-attur xehed ukoll dwar l-istallazzjoni ta' *stair-lift* fir-residenza tieghu u li dwaru esebixxa kopja ta' skrittura privata ma' l-Awtorita` tad-Djar.

“Li jrid jigi deciz minn din il-Qorti huwa jekk dawn l-ispejjez humiex rizarcibbli fl-intier taghhom. Minn dak li kkonkludew il-periti perizjuri jidher li l-parti l-kbira mill-ilmenti ta' l-attur huma relatati ma' problemi ohrajn, specjalment fis-sinsla cervikali, konkluzjoni li baqghet tigi kontestata mill-attur kif jidher mir-rapport ahhari ta' Dr. Charles Gauci pprezentat fit-3 ta' April 2002. Irid jinghad pero` li fix-xiehda tieghu in eskussjoni Mr. Ivan Esposito in eskussjoni qal li jaccettaw "li hemm certu element ta' *complex regional pain syndrome*" li saret referenza ghaliha fir-rapporti kemm ta' Dr. Charles Gauci kif ukoll ta' Mr. Carmel Sciberras. Ma jistax ghalhekk jigi eskluz li l-incident tas-6 ta' Gunju 1994 ikkontribwixxa ghall-kondizzjoni li jinsab fiha llum l-attur, jekk mhux ukoll ipprecipita l-avvent ta' tali kondizzjoni.

“F'dawn ic-cirkostanzi, wara li l-Qorti hasbet fit-tul dwar il-kwistjoni u ezaminat id-dokumenti esibiti relatati mad-danni pretizi, ser tillikwida *arbitrio boni viri* s-somma ta' Lm5,000 biex taghmel tajjeb ghad-*damnum emergens*.

“Ghaldaqstant is-somma totali li l-konvenut ghandu jhallas lill-attur hija ta'

Lm5,474 + Lm5,000 = **Lm10,474**.

“Ghal dawn il-motivi:-

“Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk:

1. tiddikjara li l-konvenut hu responsabbli ghall-incident li fih wegga' l-attur fis-6 ta' Gunju 1994,

2. tillikwida d-danni fis-somma ta' Lm10,474, u

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata ta' Lm10,474 bl-imghax millum.

“Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**<u>L-APPELL TA’ L-ATTUR</u>**

2. L-attur hassu aggravat b’din is-sentenza u ghalhekk interpona appell minnha quddiem din il-Qorti ghal fini ta’ riforma kwantu segwe:-

(i) konferma ta’ dik il-parti fejn gew respinti l-eccezzjonijiet tal-konvenut u fejn sabitu (lill-konvenut) responsabbli ghall-incident u kkundannatu li jhallas id-danni sofferti minnu;

(ii) riforma dwar il-likwidazzjoni tad-danni sofferti minnu in kwantu dawn kienu jammontaw ghal

(a) hdax-il elf hames mija u seba’ liri Maltin u hmistax-il centenzmu (Lm11,507.15c) li l-appellant kellu legittimament jinkorri minhabba l-hsara ghal sahhtu; u

(b) ghal dak li jirrigwarda l-menomazzjoni fizika permanenti li sofra "bhala ekwivalenti ghal tmienja u ghoxrin fil-mija (28%) anqas mill-hajja lavorativa (sic) flok ghas-sebgha fil-mija (7%) li akkordat is-sentenza u ghalhekk ghall-ammont ekwivalenti ta' erba' darbiet izjed minn dak indikat fis-sentenza appellata."

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat.

**IR-RISPOSTA U L-APPELL INCIDENTALI TA' L-APPELLAT**

3\. 1. Il-konvenut appellat wiegeb li l-aggravji ta' l-appellant in kwantu dan qieghed jippretendi illi d-danni kellhom jigu likwidati fl-ammont akbar ghandhom jigu michuda. Il-konvenut inoltre jissottometti li hu wkoll hassu aggravat bis-sentenza appellata u ghalhekk interpona appell incidentali minnha.

3\. 2. Min-naha tieghu, ghalhekk, il-konvenut talab ukoll varjazzjoni, ossija riforma, tas-sentenza appellata fis-sens illi din il-Qorti
"tikkonfermaha fejn din (is-sentenza) sabet lill-konvenut responsabbli ghall-incident tas-6 ta' Gunju 1994 fejn wegga' l-attur, thassarha, tirrevokaha u tikkancellaha fejn (recte: fil-) bqija taghha, u, jew tillikwida d-danni f'somma inferjuri jew inkella tirrimanda l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex terga' tillikwida d-danni kif joghgobha tidderigiha din l-Onorabbli Qorti".

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

4\. 1. L-appell jikkoncerna incident sfortunat li gara fis-6 ta' Gunju 1994 ghal habta tat-8.00am li fih safa' vittma l-attur appellant Pacifico Fenech. Waqt li l-attur kien riekeb fuq l-istaffa ta' l-"iscammel" li jigbor u jgorr l-iskart, u kien fil-vicinanzi tad-dar maghrufa bl-isem ta' "Dwejra", numru 235, Triq ta' Taht l-Irdum, Santa Maria Estate, Mellieha, huwa safa' migdum f'saqajh ix-xellugija minn kelb tar-razza Alsatian, appartenenti lill-attur, u dan ukoll minhabba l-fatt li f'dak il-hin l-imsemmi kelb ma kienx marbut.

4\.2. L-ewwel Qorti sabet lill-konvenut unikament responsabbli ghal dan l-infortunju u l-ebda parti mill-

aggravji ma jikkoncernaw din il-parti tas-sentenza relattiva ghar-responsabbilta`. Kwindi dan ifisser li d-"decide" dwar ir-responsabbilta` hija inkontestata.

5. 1. L-attur ressaq aktar minn aggravju wiehed fir-rikors ta' l-appell tieghu. L-ewwel aggravju jirreferi ghall-percentwal ta' dizabbilita` li gie ffissat mill-ewwel Qorti. Minkejja li l-ewwel Qorti kellha quddiemha diversi rapporti ta' natura medika dwar dak li sofra l-attur, dik il-Qorti dehrilha li "tikkunsidra biss l-iktar percentagg baxx li gie sottomess" ghall-konsiderazzjoni taghha, jillanja l-attur.

5. 2. L-appellant, fost ohrajn, jaghmel riferiment ghar-rapport mahrug mid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali fit-30 ta' Gunju 1996 b'rizultat ta' ezami maghmul fuq l-attur minn Bord Mediku *ad hoc*. Dan il-Bord mhux biss ikkwalifika l-inkapacita` fizika subita mill-attur bhala wahda ta' natura permanenti imma f'rapport li jgib id-data tat-2 ta' April 1997, jigifieri tlett snin wara l-akkadut, il-percentwal ta' dizabbilita` gie stabbilit ghal wiehed ta' 90% (disghin fil-mija) u, effettivament l-attur spicca "boarded out". L-attur, inoltre jirreferi ghal rapport iehor maghmul minn Mr. A Franklin, *Consultant Orthopaedic Surgeon*, fl-Ingilterra li stabbilixxa dizabbilita` permanenti f'percentwal ta' tletin fil-mija (30%). Ghamel ukoll riferiment ghal rapport iehor "ex parte" maghmul mit-tabib Dottor Charles A. Gauci li ffissalu percentwal ta' dizabbilita` ta' hamsa u ghoxrin fil-mija (25%). Dawn id-diversi rapporti, jillanja l-attur, "lanqas biss gew imsemmija mill-Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha".

5. 3. Minbarra s-suespost, l-ewwel Qorti injorat dak li rrelata t-tabib Gauci dwar dak li llum ghadu u baqa' jsofri l-attur b'rizultat dirett tal-gidma, f'partijiet ohra tal-gisem tieghu u qaghdet fuq dak li rrelataw il-periti gudizzjarji. Jghid li anki semplici harsa lejn l-attur, jindikalek *ictu oculi* l-istat li fih gie ridott fizikament l-attur, liema dizabbilita` certament kienet tissupera percentwal ta' sebgha fil-mija (7%).

6. 1. Din il-Qorti, wara li hadet kont tas-sottomissjonijiet tal-partijiet u rat mill-gdid il-provi kollha li gew prodotti, hija tal-fehma li dana l-aggravju ta' l-attur huwa infondat.

6. 2. Din il-Qorti frankament ma ssib xejn x'ticcensura fil-fatt li l-ewwel Qorti, kif kellha kull dritt li taghmel, strahet fuq zewg relazzjonijiet separati, wahda maghmula mill-ewwel perit mediku gudizzjarju li gie nominat minnha, jigifieri Mr. Charles Grixti, u dik sussegwenti u addizzjonali, maghmula minn tlett periti perizjuri. Dawn ilkoll qablu li l-percentwal ta' dizabbilita` fizika sofferta mill-attur kienet dik ta' sebgha fil-mija (7%). Din il-Qorti m'hijiex marbuta li necessarjament ikollha tabbraccja bilfors dak li rrelataw il-periti medici gudizzjarji nominati minnha, ghax id-decizjoni finali tispetta lill-Qorti; izda certament, trattandosi hawn ta' materja altament teknika u specjalizzata, il-piz li hija taghti lil relazzjonijiet simili huwa magguri minn ohrajn li jkunu bbazati biss fuq kostatazzjonijiet u apprezzament ta' provi ta' fatt ta' natura anqas teknika. Bil-fatt, imbaghad, li l-attur ghogbu jipprezenta diversi rapporti medici ohrajn "ex parte", ma jfissirx li dawn ghandhom jiehdu preferenza jew is-sopravvent fuq dawk il-periti newtrali u indipendenti li gew mahtura mill-Qorti, u liema esperti allura kienu esposti ghal ezami ulterjuri in eskussjoni – kif fil-fatt kien il-kaz f'din il-kawza. Lanqas ma kien imbaghad korrett l-attur appellant meta ssottometta li l-ewwel Qorti injorat totalment ir-rapporti sottomessi mill-attur fil-kors tas-smiegh tal-kawza. Hekk, per ezempju, fis-sentenza appellata nsibu brani bhas-segwenti:
"Issa jirrizulta li gew suggeriti persentaggi ohra mill-konsulent ortopediku Mr. Carmel Sciberras u mill-konsulent ortopediku Ingliz Mr. A. Franklin ….."

li jindikaw bic-car li l-ewwel Qorti qieset dak kollu li kellu jigi kkunsidrat. Fil-fatt anke t-tabib Charles A. Gauci, imqabbad "ex parte" mill-attur, jissemma' specifikament f'parti ohra fl-istess sentenza. Taht dan l-aspett, din il-Qorti jidhrilha li l-ewwel Qorti pprocediet korrettement. Jekk xejn, il-percentwali differenti suggeriti mill-esperti u konsulenti medici juru kemm kien incert u difficli biex jigi stabbilit bi precizjoni dak li sewwa sew sofra l-attur f'dik li

hija dizabbilita` permanenti. Min-naha l-ohra, ma tarax ghaliex ghandha tistrieh fuq rapporti ta' Bord Mediku li probabbilment mexa fuq kriterji differenti minn dawk li addottaw u mxew fuqhom il-periti gudizzjarji. Wisq u wisq anqas dina l-Qorti m'hija sejra tistrieh fuq konsiderazzjonijiet ibbazati fuq impressjonijiet *ictu oculi* kif donnu jissuggerixxi l-appellant! Minn ezami ta' l-atti tal-kawza, jirrizulta kjarament li l-attur kellu – u ha – kull possibbilita` li jaghmel u jressaq il-provi kollha tieghu, inkluz li l-fakolta` li jeskuti l-periti gudizzjarji. Tajjeb li jinghad ukoll li, wara kollox, il-percentwal ta' sebgha fil-mija (7%) stabbilit finalment mill-periti medici gudizzjarji huwa percentwal wiehed oghla minn dak illi originarjament kien iffissa l-konsulent mediku mqabbad mill-attur stess, jigifieri Mr. Carmel J. Sciberras – ara Dok "A", a fol. 4 u 5 tal-process, li kien fil-fatt illikwida percentwal ta' sitta fil-mija (6%). Huwa minnu li l-attur irriskontra kumplikazzjonijiet f'partijiet ohra tal-gisem, izda kjarament jirrizulta li meta d-diversi esperti li gew nominati mill-Qorti gew biex jirrelataw dwar il-grad ta' dizabbilita`, li dawn hadu wkoll in konsiderazzjoni kemm dawn id-diversi kumplikazzjonijiet kienu – jew ma kienux – ezattament u intimament konnessi mal-gidma f'sieq l-attur li tat lok ghal din il-vertenza. Fi kliem iehor, ghalkemm l-istat fiziku attwali ta' l-attur riferribilment ghad-dizabilita` li qed isofri fil-prezent jidher li hu f'percentwal oghla minn dak li gie finalment iffissat mill-periti gudizzjarji u kkonfermat mill-ewwel Qorti, jibqa' l-fatt li l-attur ma rnexxielux jistabbilixxi li hemm ness dirett bejn dak li qieghed allegatament isofri llum u l-gidma li rcieva fl-incident u d-dizabbilita` li sofra b'rizultat ta' l-istess gidma. Din il-Qorti tinsab pjenament sodisfatta li taht dana l-aspett l-ewwel Qorti ddecidiet korrettement u kwindi dan ifisser li l-ewwel aggravju huwa infondat u qieghed ghalhekk jigi respint.

7. It-tieni aggravju jikkoncerna l-likwidazzjoni ta' danni emergenti sofferti mill-attur. L-attur qieghed jillanja mill-fatt li minkejja li huwa pprezenta attwalment "danni pruvati" fl-ammont globali ta' Lm11,507.15c, l-ewwel Qorti xorta wahda dehrilha li ghandha timxi fuq il-kriterju "arbitrio boni viri" u finalment spiccat biex illikwidatlu biss l-ammont inferjuri ta' Lm5,000. Dan, jghid l-attur, m'huwiex

guridikament korrett. Tista' taghmel hekk fil-kamp impreciz tal-*lucrum cessans* izda mhux fuq danni attwalment subiti, jissottometti l-appellant. Ghalhekk l-attur qieghed jesigi li l-ammont shih reklamat minnu ghandu jigi likwidat lilu, minflok dak moghti mill-ewwel Qorti.

8. Min-naha l-ohra, il-konvenut appellat, William Murphy ukoll qieghed jappella minn din il-likwidazzjoni u l-appell incidentali tieghu huwa proprju intiz biex tigi varjata din il-parti tad-*decide*. L-appellat jidhirlu li s-somma finalment likwidata, taht l-aspett ta' *damnum emergens*, kienet wahda eccessiva. L-ewwel Qorti, jissottometti l-appellat, "kellha wkoll tikkonkludi illi l-parti l-kbira ta' dan it-tip ta' danni, jekk mhux kollha, gew ukoll ikkawzati minn problemi ohrajn u mhux (b)l-incident mertu ta' din il-kawza".

9. Ghal fini ta' pratticita`, din il-Qorti sejra tikkunsidra dawn iz-zewg aggravji flimkien ghaliex fil-fatt huma intimament konnessi.

10. Din il-Qorti jidhrilha li hawn ukoll l-ewwel Qorti ddecidiet korrettement. Huwa minnu li kemm-il darba kellu tassew jirrizulta li dannu partikolari kien konsegwenza diretta tas-sinistru u hemm prova preciza u inekwivoka f'dak li hu ammont minfuq, allura f'dak il-kaz il-Qorti tkun marbuta li taghti l-ammont shih in lineja ta' danni u dan ghandha taghmlu minghajr intromissjonijiet ta' natura arbitrarja. Izda fejn il-Qorti jidhrilha li dawn l-ispejjez, ankorke` zborzati mill-vittma, ma kenux relatati direttament mas-sinistru, jew ma kenux strettament mehtiega, jew inkella m'humiex gustifikati f'dik li hija l-entita` tan-nefqa li tkun saret, allura huwa evidenti li, f'kazijiet bhal dawn, dik il-Qorti ma tkunx marbuta li taccetta dak kollu li gie minfuq u tinkludieh fil-likwidazzjoni taghha. Fil-fatt, anke hawn, tajjeb li jigi rilevat li l-ewwel Qorti ghamlet accenn esplicitu ghall-fatt li l-attur, ghal dak li jirrigwarda dizabbilita` fizika, ried jinkludi problemi medici ohrajn li kienu estraneji ghal dak li seta' jigi kkunsidrat mad-dizabbilita` subita in konsegwenza tal-gidma. Dan evidentement kien ifisser li l-ewwel Qorti ma setghetx

taccetta bhala dovut dak kollu li l-attur ipproduca bhala infieq relatat ma' l-incident *de quo*.

11. Bl-istess mod, din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandu ragun l-appellat fl-appell incidentali tieghu meta talab revizjoni 'l isfel tas-somma likwidata, jigifieri f'ammont inferjuri, minghajr ma jispecifika bl-ezatt minn liema partijiet ried li l-ammont likwidat finalment mill-ewwel Qorti kellu jigi ulterjorment ridott. Wiehed irid jiftakar li dan l-ezercizzju ta' riduzzjoni gia` kien sar mill-ewwel Qorti. Fil-fatt, l-ammont reklamat mill-attur originarjament tnaqqas b'aktar minn hamsin fil-mija (50%).

12. Tajjeb ukoll li jigi rilevat li l-ewwel Qorti ma qabditx u "sparat" ammont kif gie gie. Anzi, l-ewwel Qorti dehrilha invece opportun li tirrileva li trattandosi hawn ta' numru ta' elementi u cirkostanzi mhux ben definiti sufficjentement, allura hija dehrilha illi:
"F'dawn ic-cirkostanzi, wara li l-Qorti hasbet fit-tul dwar il-kwistjoni u ezaminat id-dokumenti esibiti relatati mad-danni pretizi, ser tillikwida "arbitrio boni viri" s-somma ta' Lm5,000 biex taghmel tajjeb ghad-'damnum emergens'" (sottolinear tal-Qorti).

Fi kliem iehor, u ghal min irid jifhem dak li hu "sotto-inteso", l-ewwel Qorti ma dehrilhiex gust li taccetta spejjez minfuqa mill-attur li ma kenux strettament relatati ma' l-akkadut, b'dana pero` li fl-istess waqt kienet konvinta li ta' l-anqas xi whud mill-hlasijiet li saru kienu gustifikati, u kwindi rizarcibbli. Din il-Qorti jidhrilha li l-ewwel Qorti ddecidiet korrettement.

Ghal dawn ir-ragunijiet kemm l-aggravji ta' l-attur appellant, kif ukoll l-appell incidentali tal-konvenut qeghdin jigu respinti.

Ghal dawn ir-ragunijiet:
Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata, tichad kemm l-appell ta' l-attur, kif ukoll l-appell incidentali tal-konvenut, b'dana li l-ispejjez gudizzjarji relativi ghall-prim istanza jibqghu kif decizi mill-Qorti ta' l-ewwel grad, filwaqt li dawk relativi ghal dan l-appell

jithallsu unikament mill-attur appellant, ad eccezzjoni ta` l-appell incidentali. L-ispejjez relativi ghall-appell incidentali jithallsu mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------